Il-Kummissjoni Ewropea

L-Eurostat

Pubblikazzjoni ta' pożizzjoni vakanti għall-kariga ta' Direttur għall-Istatistika Settorjali u Reġjonali (AD14)

(L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2024/10454

Min aħna

L-Eurostat huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-missjoni tiegħu hija li jipprovdi statistika u *data* ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa li jintużaw mill-istituzzjonijiet tal-UE, mill-Istati Membri, mis-swieq finanzjarji, mill-komunità tan-negozju, miċ-ċittadini, mir-riċerkaturi u mill-media biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati. L-Eurostat jiżgura l-produzzjoni tal-istatistika Ewropea skont ir-regoli stabbiliti u l-prinċipji tal-istatistika, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri tal-UE. Hija r-responsabbiltà tiegħu li jipproponi l-leġiżlazzjoni dwar l-istatistika tal-UE kollha. L-Eurostat jikkoopera wkoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-istatistika u jgħin lil pajjiżi barra mill-UE jtejbu s-sistemi tal-istatistika tagħhom.

Id-Direttorat ESTAT.E "Statistika Settorjali u Reġjonali" jinkludi 5 unitajiet b'madwar 120 membru tal-persunal (permanenti u mhux permanenti) u għandu baġit operattiv ta' madwar 14,5 miljun ewro. Dan ikopri l-qasam wiesa' tal-statistika agrikola, tas-sajd, tat-tibdil fil-klima, tal-iżvilupp sostenibbli u tat-tranżizzjoni ekoloġika, tal-enerġija, tat-trasport, tal-istatistika reġjonali u dik ambjentali ekonomika.

L-Uffiċċji tal-Eurostat jinsabu fil-Lussemburgu.

X'qegħdin nipproponu

Il-pożizzjoni impenjattiva u ta' profil għoli ta' Direttur/Direttriċi tal-Istatistika Settorjali u Reġjonali fil-Eurostat tinkludi r-responsabbiltajiet ewlenin li ġejjin:

- It-tmexxija statistika u ġestjoni strateġika f'firxa wiesgħa ta' oqsma — tal-istatistika agrikola, tas-sajd, tal-iżvilupp sostenibbli, tal-enerġija, tat-trasport, tal-istatistika reġjonali u dik ambjentali-ekonomika. F'dawn l-oqsma, id-Direttorat jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' standards statistiċi internazzjonali, metriċi u metodoloġiji ġodda, klassifikazzjonijiet, bini tal-kapaċità statistika u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni. Dawn l-attivitajiet huma żviluppati u implimentati skont il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea;
- It-tmexxija u l-orjentazzjoni strateġika u l-ġestjoni tad-disseminazzjoni u l-komunikazzjoni tal-istatistika u d-*data* li jipproduċi d-Direttorat;
- Ir-rappreżentanza tal-Eurostat u ż-żamma ta' kuntatti regolari u skambji ta' informazzjoni mal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tal-Istati Membri u pajjiżi oħra li l-Eurostat stabbiliet kooperazzjoni statistika magħhom; dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, bħad-Direttorati Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI), għall-Azzjoni Klimatika (DĠ CLIMA), għall-Enerġija (DĠ ENER), għall-Ambjent (DĠ ENV), għall-Mobbiltà u t-Trasport (DĠ MOVE), għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE), għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) u istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea, bħall-Bank Ċentrali Ewropew u d-dipartimenti tal-istatistika ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi;
- L-immaniġġjar tar-riżorsi umani u finanzjarji.

Id-Direttur se jaġixxi bħala Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega f'konformità mar-regoli u mar-regolamenti finanzjarji tal-Kummissjoni.

X'qegħdin infittxu (il-kriterji tas-selezzjoni)

Il-kandidati għandu jkollhom:

Kwalitajiet personali

- ġudizzju sod, inkluż b'rabta ma' kwistjonijiet politikament sensittivi, u sens manifestat ta' inizjattiva għall-innovazzjoni, il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda;
- Prova ta' ħiliet ta' komunikazzjoni li jikkomunikaw b'mod effettiv u effiċjenti fil-livell superjuri mal-partijiet ikkonċernati kollha fil-Kummissjoni u barra minnha, kif ukoll ħiliet interpersonali, ta' networking u ta' negozjar irfinuti;
- ħiliet analitiċi eċċellenti u kapaċità li jsolvu problemi organizzattivi u operazzjonali permezz ta' approċċ orjentat lejn ir-riżultati.

Ħiliet u esperjenza speċjalizzati

- fehim tajjeb ħafna tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tal-użu tal-istatistika Ewropea kif ukoll tal-funzjonament tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika;
- għarfien tajjeb tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-mod kif jaħdmu kif ukoll tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni u l-ħtiġijiet tad-*data* relatati;
- sfond rilevanti u prova ta' esperjenza fl-istatistika settorjali u reġjonali.

Ħiliet fil-maniġment

- prova ta' kisbiet b'saħħithom bħala mexxejja u maniġers, li jinvolvu l-immaniġġjar kemm tar-riżorsi umani kif ukoll dawk finanzjarji;
- prova ta' kapaċità li jaħsbu b'mod kreattiv u strateġiku, u li jmexxu u jimmotivaw tim multinazzjonali kbir;
- abbiltà li jistabbilixxu prijoritajiet u objettivi b'mod effiċjenti, u li jallokaw ir-riżorsi skont dan.

Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)

Il-kandidati jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tas-selezzjoni abbażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin, li jridu jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet:**

- Nazzjonalità: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- Lawrja jew diploma universitarja: il-kandidati jrid ikollhom:

  - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar;

  - jew inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' minn tal-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun minn tal-inqas 3 snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).

- Esperjenza professjonali: il-kandidati jrid ikollhom minn tal-inqas 15-il sena esperjenza professjonali postgradwatorja[1] f'livell li l-kwalifiki msemmija hawn fuq jagħtu aċċess għalih.

---

[1] L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati pro rata, abbażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/leave

- Esperjenza ta' maniġment: trid tkun inkisbet minn tal-inqas 5 snin esperjenza professjonali postgradwatorja f'pożizzjoni maniġerjali ta' livell għoli[2].

- Lingwi: il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[3] u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Waqt l-intervista/i, il-bordijiet tas-selezzjoni se jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista jew parti minnha ssir b'din il-lingwa l-oħra.

- Età massima: il-kandidati ma jridux ikunu laħqu l-età regolari tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna jilħaq l-età ta' 66 sena (ara l-Artikolu 52(a) tar-Regolamenti tal-Persunal [4]).

Selezzjoni u ħatra

Is-selezzjoni u l-ħatra jsiru skont il-proċeduri tas-selezzjoni u tar-reklutaġġ tal-Kummissjoni Ewropea (ara: Dokument dwar il-Politika għall-Uffiċjali f'Kariga Għolja [5]).

Bħala parti minn din il-proċedura tas-selezzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tas-selezzjoni msemmija hawn fuq, u li jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti oħrajn mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (CCA, Consultative Committee on Appointments) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jissejħu għal intervista mas-CCA jipparteċipaw f'ċentru ta' valutazzjoni tal-maniġment ta' jum sħiħ immexxi minn konsulenti ta' reklutaġġ esterni. Filwaqt li jqis ir-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' valutazzjoni, is-CCA jistabbilixxi lista qasira ta' kandidati li jikkunsidra adattati għall-kariga.

Il-kandidati fil-lista qasira tas-CCA jiġu intervistati mill-Membru/i rilevanti tal-Kummissjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tieħu d-deċiżjoni dwar il-ħatra.

Il-kandidat li jintgħażel irid ikun wettaq kull obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari, jipproduċi r-referenzi adegwati dwar il-karattru tiegħu meħtieġa sabiex tiġi aċċertata l-idoneità tiegħu għat-twettiq ta' dmirijietu u jrid ikun fiżikament f'saħħtu biex iwettaq dmirijietu.

Il-kandidat li jintgħażel għandu jkollu ċertifikat validu ta' approvazzjoni tas-sigurtà mingħand l-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tiegħu, jew ikun f'pożizzjoni li jiksbu. Approvazzjoni tas-sigurtà personali hija deċiżjoni amministrattiva li tiġi wara t-tlestija ta' skrinjar tas-sigurtà mwettaq mill-awtorità kompetenti tas-sigurtà nazzjonali tal-individwu skont il-liġijiet u r-regolamenti tas-sigurtà nazzjonali applikabbli, u li tiċċertifika li individwu jista' jitħalla jaċċessa informazzjoni klassifikata sa livell speċifikat. (Ta' min jinnota li l-proċedura neċessarja biex tinkiseb approvazzjoni tas-sigurtà tista' tibda biss wara li ssir talba mill-impjegatur, u mhux mill-kandidat individwali).

Sakemm l-approvazzjoni tas-sigurtà personali ma tkunx għadha ngħatat mill-Istat Membru kkonċernat u l-proċedura tal-approvazzjoni ma tkunx ġiet kompluta bl-informazzjoni meħtieġa legalment mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-kandidat ma jkunx jista' jaċċessa Informazzjoni Klassifikata tal-UE (EU

---

parentali/leave għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati jiġu assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta ma jkunux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin, dment li d-dottorat ikun ġie kkompletat b'eżitu pożittiv. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

2 Għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali, jenħtieġ li l-kandidati jindikaw b'mod ċar fil-curriculum vitae tagħhom: (1) it-titlu u r-rwol tal-karigi maniġerjali okkupati; (2) l-għadd ta' persunal li kellhom taħthom meta kienu f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits li kellhom f'idejhom; (4) l-għadd ta' saffi ġerarkiċi fuqhom u taħthom; u (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

3 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701

4 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701

5 https://commission.europa.eu/jobs-european-commission/job-opportunities/managers-european-commission_en#documents (jeżisti bl-Ingliż biss)

Classified Information, EUCI) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, u lanqas ma jkun jista' jattendi laqgħat li fihom tiġi diskussa tali EUCI.

Opportunitajiet indaqs

F'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni Ewropea għandha objettiv strateġiku li tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-maniġment sa tmiem il-mandat attwali tagħha u tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs li tinkoraġġixxi l-applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku kumplessiv.

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-kandidat li jintgħażel jiġi reklutat bħala uffiċjal fil-grad AD14. Huma jiġu kklassifikati skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fl-iskala 1 jew l-iskala 2 f'dak il-grad.

Il-kandidat li jintgħażel għandu jieħu nota tar-rekwiżit skont ir-Regolament tal-Persunal li kull membru ġdid tal-persunal għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Il-post tal-impjieg huwa l-Lussemburgu.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati jridu jressqu dikjarazzjoni, li fiha jimpenjaw ruħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jiddikjaraw kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Informazzjoni importanti għall-kandidati

Infakkru lill-kandidati li x-xogħol tal-bordijiet tas-selezzjoni huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom, u lanqas ma' jista' jagħmel hekk ħaddieħor f'isimhom. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

Protezzjoni tad-*data* personali

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6]. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' din id-*data*.

Il-proċedura tal-applikazzjoni

Qabel tibgħat l-applikazzjoni tiegħek, għandek tivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà kollha ("Kundizzjonijiet ta' ammissjoni"), b'mod partikolari dwar it-tipi ta' diploma, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, tiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tas-selezzjoni.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra bl-internet fis-sit web li ġej u timxi mal-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jinżamm kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, nitolbuk tinforma lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

---

[6] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format PDF, preferibbilment fil-format tas-CV tal-Europass[7], u timla ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, tirċievi email li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek tkun ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix email ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Ta' min jinnota li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattjak direttament rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta elettronika ma jiġux aċċettati. Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, ibgħat email lil:

HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir biex ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, billi traffiku qawwi fuq l-internet jew problema fil-konnessjoni tal-internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek tiġi tterminata qabel ma tlestiha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' ddaħħal iktar data. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija l-**10/12/2024, 12.00 nofsinhar, ħin ta' Brussell**, u wara ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

[7] Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq l-Europass CV tiegħek online hawnhekk: https://europa.eu/europass/en/create-europass-cv